MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2004

Numru 436/2000

**Il-Pulizija**

(Spettur Carmelo Magri)

**vs**
**Joseph Sammut**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Sammut ta’ 20 sena bin Calcedonius u Catherine nee’ Agius imwieled San Giljan fis- 6 ta’ Lulju, 1979 u li joqghod 16, Triq il- Fraxxnu, Ta’ Giorni, San Giljan. Detenur tal- karta tal- Identita’ bin- numru 386579(m).
Talli fil- 11 ta’ Frar, 2000 ghall- habta tal- 11.30 ta’ bil- lejl mill Bocci Klabb tal- Birgu, kkommetta serq ta’ television ‘Radio Marelli’ mudell REM3281 kif ukoll somma flus kontanti li tammonta ghal Lm 150 ghad- dannu tad- dirigenti ta’ l- istess Klabb. Liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz, valur u bil- hin.

Fl- istess data, hin , lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor , mobbli jew immobli, ghad- dannu tad- dirigenti tal- Bocci Klabb tal- Birgu, liema hsara teccedi l- hamsin lira Maltin (Lm 50) izda ma teccedix il- hames mitt lira Maltin (Lm 500).
Talli fl- 14 ta’ Frar, 200 ghall- habta tal- 11.30 ta’ bil- lejl mill- Bocci Klabb taz- Zejtun, ikkometta serq ta’ video recorder ‘Philips’, television ‘Grundig’ tal- 24 pulzier, radio casett ‘Grundig’, flus kontanti kif ukoll affarjiet ohra ghad- dannu tad- dirigenti tal- istess Klabb. Liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz, valur li jeccedi l- elf lira Maltin (Lm 1000) u bil- hin.
Fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, ghad- dannu tad- Dirigenti tal- Bocci Klabb taz- Zejtun, liema hsara taccedi l- ghaxar liri Maltin (Lm 10) izda ma taccedix il- hamsin lira Maltin (Lm 50).
Fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, ghad- dannu ta’ Jesmond Quirolo miz- Zejtun, liema hsara taccedi l- hamsin lira Maltin (Lm 50) izda ma taccedix il- hames mitt lira Maltin (Lm 500).
Talli fil- lejl ta’ bejn l- 10 u l- 11 ta’ Jannar 2000 ghal habta ta’ nofs il- lejl mill- Klabb tal- Football ta’ Burmarrad, ikkometa serq ta’ mitt lira Maltin (Lm100) fi flus kontanti, stereo ‘Aiwa’, kif ukoll diversi affarjiet ohra ghad- dannu tad- dirigenti tal- istess Klabb, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz, bil- valur li jeccedi l- elf lira Maltin (Lm 1000) u bil- hin.
Fl- istess data, hin lok u cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, ghad dannu tad- dirigenti tal- Klabb tal- Football ta’ Burmarrad, liema hsara teccedi l- hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma teccedix il- hames mitt lira Maltain (Lm500).
Talli flimkien ma’ persuni mhux maghrufa fid- 9 ta’ Frar 2000 mill- Klabb tal- Football tal- Gharghur, ikkometta serq ta’ ‘Samsung’ video recorder kif ukoll diversi affarjiet ohra ghad- danni tal- istess Klabb u tas- Central Cigarettes ta’ Bulebel, liema serq huwa kkwalifikat bil-

mezz, bil- valur li jeccedi l- elf lira Maltin (Lm 1000) u bil- hin.
Fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, ghad- dannu tad- dirigenti tal- Kalbb tal- Football tal- Gharghur, liema hsara teccedi l- hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma teccedix il- hames mitt lira Maltin (Lm500).
Fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, ghad- dannu tad- dirigenti tas- Central Cigarettes ta' Bulebel, liema hsara teccedi l- ghaxar liri Maltin (Lm10) izda ma teccedix il- hamsin lira Maltin (Lm50).
Talli f' xi hin fil- lejl ta bejn is- 7 u t- 8 ta' April, 2000 mill Klabb tal- football tal- Pieta' Hotspurs, ikkometta serq ta' Monitor u affarjiet ohra ghd- dannu tad- dirigenti tal- istess klabb kif ukoll ta' Mario Aquilina minn B' Kara, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz, valur u bil- hin.
Fl- istess data, hin lok u cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, ghad- dannu tad- dirigenti tal- istess Klabb, liema hsara taccedi l- hamsin lira Maltin (Lm 50) izda ma teccedix il- hames mitt lira Maltin (Lm 500).
Fl- istess data, hin lok u cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, ghad- dannu ta' Mario Aqulina minn B' Kara, liema hsara taccedi l- hamsin lira Maltin (Lm 50) izda ma teccedix il- hames mitt lira Maltin (Lm 500).
Fl- istess dati, hinijiet lok u cirkostanzi u fil- granet ta' wara dawn id- dati f' Malta, xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat, sew jekk sar f' Malta jew barra min Malta, jew xjentament, b' kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.
U finalment talli sar ricediv ai termini ta' l- artikoli 49, 50 u 289 tal- Kap. 9 tal- ligijiet ta' Malta.
Rat in- nota tal- Avukat Generali.
Rat li l- akkuzat ma oggezjonax li l- kaz tieghu jigi trattat f' procedura sommarja minn din il- Qorti.
Rat li l- akkuzat fis- seduta tal- llum irregistra ammisjoni ghall akkuzi migjuba kontrih. Tenna wara li l- Qorti fehemitu xi tfisser ammisjoni u l- konsegwenza ta'

ammisjoni fil- prezenza tal- avukat tieghu u wara li inghata zmien biex jerga jahsibha.
Issibu hati.
Rat l- artikoli 261, 263, 270, 267, 325, 49, 50, 289 tal Kapitlu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
Issibu hati tar- reati taht l- imsemmija artikoli imma mhux hati ta' ricettazzjoni. Rat li bosta mill- oggetti misruqa instabu jew inghataw lura.
Tikkundanah tmintax il- xahar (18) prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------